illum
22ċ / €0.51
www.illum.com.mt
17 ta' Ġunju 2007 • Nr 33




paġni 6-7

# Investigat l-uffiċċju ta' Tony Abela

**Kurt Sansone**

**F'każ li nżamm mistur mill-pubbliku l-Pulizija qed tinvestiga allegazzjonijiet serji li saru fil-konfront tas-Segretarju Parlamentari Tony Abela u l-uffiċċju notarili privat tiegħu dwar likwidazzjoni ta' eredità li saret bejn l-2002 u l-2003.**

Kien wara li l-Pulizija u l-Kunsill tan-Nutara rċevew ittri minn xi wħud mill-werrieta fil-każ konċernat li n-nutar Abela minn jeddu ċempel lill-Kummissarju tal-Pulizija u talbu biex jinvestiga.

Mitlub jikkummenta dwar dan il-każ Tony Abela qal li fil-bidu ta' din is-sena meta sar jaf dwar l-allegazzjonijiet serji li saru fil-konfront tiegħu u ta' impjegati fl-uffiċċju notarili privat kellem lill-Kummissarju tal-Pulizija u talbu biex jinvestiga l-allegazzjonijiet.

*Tkompli fuq paġna 8*



Tony Abela: meta sar jaf bl-allegazzjonijiet staqsa lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga

## Membru tal-MLP fil-kummissjoni elettorali f'battibekk fil-Vatikan

**Julia Farrugia**

**Jekk xejn il-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca ġabet magħha dik l-għaqda nazzjonali fost il-Maltin li sal-lum l-ebda avveniment ieħor ma rnexxielu jġib ħlief il-Eurovision.**

Imma wara l-kwinti ftit tal-ħin biss wara li Dun Ġorġ ġie dikjarat qaddis, fil-Bażilika ta' San Pietru kien hemm battibekk li l-ebda kamera tat-televiżjoni Maltija ma ppreżentathielna.

Membru fil-Kummissjoni Elettorali maħtur mill-MLP, Salvu Fenech, li kien preżenti għaċ-ċerimonja, għamel fratterija sħiħa meta l-crew ta' Net TV mar jieħu kumment ta' missier it-tifel li sar il-miraklu miegħu.

*Tkompli fuq paġna 5*

**Sena jitlob biex jingħata children's allowance u ħadd ma jagħti kasu**

Ara paġna 3

## Wenzu Mintoff

" F'temp ta' ftit ġranet kellna lil Frank Portelli, lil Josie Muscat, lil Lawrence Gonzi u anki sezzjoni tal-media Laburista jisħqu dwar il-bżonn li jiddaħħal il-Whistleblower's Act... Imma dan is-suġġett tant jiġi trattat b'mod superfiċjali li kulħadd jisħaq li hemm bżonn li ndaħħlu l-protezzjoni fil-Liġi meta din ilha teżisti għal numru ta' snin "

Ara paġna 13

# Pulizija joffri servizzi f'ċirku ta' prostituzzjoni 'sofistikata'



Il-ħlas għal servizzi sesswali jista' jostor realtà ta' traffikar ta' persuni

**Julia Farrugia**

**Sit ta' l-internet internazzjonali li jispeċjalizza f'xibka ta' prostituzzjoni 'sofistikata' qed isemmi lil Malta bħala wieħed mill-pajjiżi fejn persuna tista' takkwista numru ta' servizzi inklużi dawk sesswali.**

Is-sit ta' l-internet www.vicesisters.com joffri servizz ta' escorts minn irġiel, nisa u minn nisa-irġiel (transgender). Is-servizzi jvarjaw minn sempliċi kumpanija waqt ikliet sa divertiment b'laqgħat 'personali' mal-klijent f'xi lukanda jew fid-dar. Dan is-sit m'għandu x'jaqsam xejn ma' siti li jgħinuk tagħmel ħbieb ġodda jew biex issib sieħeb jew sieħba.

Kollox hu msejjes fuq il-kunċett ta' prostituzzjoni 'sofistikata'. Kontinwament fil-paġna jgħaddu reklami dwar il-prostituti fosthom li "dawn huma l-aħjar prostituti minn Kiev, fl-Ukrajna".

Mijiet ta' escorts f'dan is-sit isemmu speċifikament x'tip ta' attività sesswali lesti jidħlu fiha. Oħrajn isemmu dettalji differenti fosthom x'tip ta' pożizzjonijiet lesti joqogħdu fihom u jekk jużawx kontraċettiv jew le waqt attivitajiet ta' sess orali.

Din l-attività hi minsuġa f'minn ta' l-inqas 53 pajjiż differenti, fosthom fir-Russja, fil-Messiku, fir-Repubblika Ċeka, fil-Ghana u wkoll f'Malta.

*Tkompli f'paġna 9*



Taste the difference
Pasta Da Marco
Genuinely homemade pasta
Home made pasta, made fresh by hand daily
Restaurant orders accepted
Pasta Da Marco, Carmelo De Luca Street, Qawra, Mobile: 99280820

NEWSPAPER POST